MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 665/2010

***Ramon Sciberras***

***Vs***

***Awtorita' ghat-Trasport f'Malta,***
***Id-Direttur Network Infrastructure Directorate u***
***s-Sindku Kunsill Lokali tal-Mosta***

It-Tribunal,

Ra l-Avviz ta'l-attur fejn ppremetta illi kien hallas is-somma ta' elf u hamsa u disghin Ewro (€1,095), ammont rapprezentanti danni minnu sofferti fil-mutur tieghu tat-tip *Suzuki* bin-numru ta' registrazzjoni *SIX 069*, li saru fit-13 ta' Gunju, 2009, liema hsarat gew hekk ikkagunati unikament bhala rizultat ta' traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' "*resurfacing*" ta' Triq Durumblat,

Mosta ghal liema xoghol kienu responsabbli l-konvenuti jew min minnhom, liema hlas baqa' ma sarx minkejja l-interpellazzjoni lilhom maghmula.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legal ital-5 ta' Frar, 2010 u interessi legali mid-data tan-notifika ta'l-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi:-

1. In linea preliminari, l-intimati mhumiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimate ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja tad-Direttorat intimat u ghalhekk dina l-kawza ma kellhiex ghalfejn tigi istitwita kontra l-istess Direttorat ukoll.
3. Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontra l-intimati qed jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.
4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni pretizi u allegati qed jigu kkuntestati.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra li l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront ta'l-Awtorita' Dwar it-Trasport f'Malta u d-Direttur Network Infrastructure Directorate.

Ra li l-konvenut, Kunsill Lokali, Mosta, gie debitament notifikat, izda baqa' ma prezenta ebda risposta entro it-terminu rikjest mil-ligi.

Illi l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-Kunsill, li gie msejjah tlett darbiet ghal udjenza u baqa' ma deherx sabiex jikkontesta li hu ma kienx debitur fil-konfront ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-Kunsill Lokali, Mosta u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsa u

disghin Ewro (€1,095), ammont rapprezentanti danni minnu sofferti fil-mutur tieghu tat-tip *Suzuki* bin-numru ta' registrazzjoni *SIX 069*, li saru fit-13 ta' Gunju, 2009, liema hsarat gew hekk ikkagunati unikament bhala rizultat ta' traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' "*resurfacing*" ta' Triq Durumblat, Mosta ghal liema xoghol kien responsabbli l-istess Kunsill.

L-ispejjez tal-Awtorita' u d-Direttorat ghandhom jigu ssopportati mill-attur, filwaqt li l-ispejjez ta'l-attur ghandhom jigu ssopportati mill-Kunsill Lokali, Mosta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------